Bħala parti mill-Festival **Evenings on Campus** 2010

It-Tnejn, 26 ta' Lulju 2010 - Pjazzetta Dun Karm, l-Università, 8.30pm

---

## TLUQ - lejla skomda ta' letteratura, mużika u arti viżiva




Inizjamed u Versatili

Fi żmien meta l-letteratura Maltija qed tara qawmien ġdid u fl-istess tiffaċċa xkiel mhux mistenni, awturi, artisti u mużiċisti minn ġenerazzjonijiet differenti jiltaqgħu biex jirrakkontaw esperjenzi ta' tluq, relazzjonijiet ta' mħabba ġodda u relazzjonijiet li spiċċaw; il-bidu ta' ħajja ġdida u t-tluq minn din id-dinja; ix-xewqa, intutli ta' ħarba minn mumenti mwiegħra... Hemm stejjer ibsin f'uħud minn dawn il-kitbiet.

Jieħdu sehem

- l-awturi Clare Azzopardi, Clifton Azzopardi, Keith Azzopardi, Keith Borg, Leanne Ellul, Claudia Gauci, Adrian Grima, Simone Inguanez, Leli, Nathalie Muscat, Walid Nabhan, u John P. Portelli
- il-mużiċisti Marc Galea (kitarra) u Mario Abela (kuntrabaxx)
- l-artisti Philip Agius, Trudy Gera u Darren Tanti

Matul il-lejla jkun hemm għall-bejgħ bi prezz speċjali l-ktieb bil-kitbiet, *Sekwenzi ta' Tluq*, b'disinn tal-qoxra tal-artist Pierre Portelli

Koordinazzjoni ta' Versatili u Inizjamed. Dħul u Tluq b'xejn.

Avviż: Din il-lejla hija maħsuba għal **udjenza matura**

Keith Azzopardi
Adrian Grima

---

Fil-lejla TLUQ u fil-ktejjeb *Sekwenzi ta' Tluq* se jiġu ppreżentati dawn ix-xogħlijiet letterarji:

| | |
|---:|---|
| Epigrafu | *Keith Azzopardi* |
| Ħarba: mill-mera | *Simone Inguanez* |
| Nieżla bis-Saħħa x-Xita | *Simone Inguanez* |
| Il-Mara t'Għajnejha Blu | *Claudia Gauci* |
| L-Imħabba l-Kapriċċ | *Adrian Grima* |
| Tama | *Nathalie Muscat* |
| Amman. Belt u Tfulija | *Walid Nabhan* |
| balkani | *Adrian Grima* |
| Passaport | *Leanne Ellul* |
| it-tessera | *Clare Azzopardi* |
| Niftakar | *John P. Portelli* |
| *Division 3* | *Leli* |
| Ħemda Radikali | *John P. Portelli* |
| Tluq | *Keith Borg* |
| *Starcraft* | *Clifton Azzopardi* |

Il-ktieb jinkludi wkoll noti bijografiċi u daħla ta' Dr. Adrian Grima dwar "Letteratura u Kunflitt." din hija silta:

H. Porter Abbott isostni li bir-riżorsi retoriċi "immensi" tagħha, in-narrattiva (u l-letteratura kollha kemm hi) mhux biss hija "strument ta' poter," mhux biss tagħtina l-possibbiltà li nifhmu jew almenu niksbu ħjiel ta' dak li jkun qed jiġri ġo fina u madwarna, imma ħafna drabi tittratta wkoll hija stess il-kwistjoni tal-poter. Fil-fatt il-kelma qadima Griega *"agon"* li tfisser "kunflitt" tinsab fil-qalba tal-kelmiet "protagonista" u "antagonista." U għaldaqstant, kif juru x-xogħlijiet f'dan il-ktieb, minbarra li hemm il-kunflitt intern fil-lingwa tal-letteratura, fl-għażla bejn il-kelma u r-ritmu li hemm, ngħidu aħna, u l-kelma u r-ritmu li tkun qed tistenna, għax kif jgħid Peter Widdowson, "even at *its most realistic the literary discourse nevertheless constructs the reality it purports to represent,"* hemm ukoll rakkonti dwar il-kunflitti li rridu jew ma rridux huma parti integrali mill-eżistenza tagħna bħala bnedmin. Fil-letteratura u fil-ħajja, il-kunflitti jinqalgħu bejn il-personalitajiet imma jinqalgħu wkoll bejn valuri, ideat, sentimenti, u perspettivi tad-dinja.